MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 2/2011

**Banif Bank (Malta) plc – C-41030**

**vs**

**Maria Borg – I.D.121981-M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici ddikjarat illi l-konvenuta hija debitrici tal-kumpannija attrici fis-somma ta’ elf, tmien mija u erba’ Ewro u sebgha u disghin centezmu (€1,804.97c), inkluz imghax ta’ seba’ Ewro u disgha u disghin centezmu (€7.99c) kif kalkolat sal-21 ta’ Dicembru, 2010, rapprezentanti bilanc fuq ammonti mhallsa lill-konvenuta konsistenti f’cekkijiet msarrfa a favur taghha a bazi tal-fatt li l-konvenuta ppromettiet li tirrifondi tali ammonti. Is-somma tinkludi wkoll *charges* u *fees* tal-kumpannija attrici inkorsi in konnessjoni mal-hlas ta’ l-imsemmija cekkijiet (Dok. ‘A’).

Illi minkejja li l-kumpannija attrici interpellat lill-konvenuta diversi drabi sabiex tersaq ghall-hlas ta’ din is-somma, il-konvenuta baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant, il-kumpannija attrici talbet illi l-konvenuta ghandha tigi dikjarata debitrici taghha fis-somma ta’ elf, tmien mija u erba’ Ewro u sebgha u disghin centezmu (€1,804.97c) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-kumpannija attrici is-somma ta’ elf, tmien mija u erba’ Ewro u sebgha u disghin centezmu (€1,804.97c).

Bl-imghax legali sal-hlas effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenuta debitrici li hija ngunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas is-somma ta’ elf, tmien mija u erba’ Ewro u sebgha u disghin centezmu (€1,804.97c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------